MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 795/2005

**William Azzopardi**
**vs**
**Isaac Nissan Shabo**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' April, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u disgha u hamsin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm359.91), ammont dovut ghal dawl u ilma li l-konvenut ikkonsma fi Flat 4, St. Joseph Flats, Triq il-Qaliet, Marsascala, li kera minghand l-attur. Skond l-iskrittura li saret bejn il-partijiet fis-7 ta' frar, 2002, tali konsum kien responsabilita` tal-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-22 ta' Gunju, 2005, fejn intqal :**
**Illi l-attur irid jipprezenta l-iskrittura li allegatament saret bejnu u l-konvenut ghal hlas tad-dawl u ilma.**

**Illi l-attur irid jipprova illi huwa effettivament hallas l-kont tad-dawl u ilma lill-Korporazzjoni kompetenti u jekk ma jirrizultax il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.**
**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont li qed jitlob l-attur huwa eccessiv u inoltre f'parti mill-perijodu imsemmi mill-attur, il-konvenut ma kienx qed joqghod fil-fond in kwistjoni.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' William Azzopardi u Shabo Isaac Nissan. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Jirrizulta li l-konvenut kien responsabbbli ghall-hlas tal-kontijiet tad-dawl u ilma skond il-ftehim Dok.WA1.**
**2. jirrizulta li l-attur kera l-fond lill-konvenut ghal sena minn Frar 2002 sa Frar 2003. Pero` jirrizulta li l-konvenut telaq mill-fond ghall-habta ta' Marzu, 2003, tant li kien fit-tielet gimgha ta' Marzu, 2003 li l-attur bidel is-serratura.**
**3. Mhix skuza dik li qed jaghti l-konvenut li ma hallasx il-kont ghax ma nghatalux.**
**4. Mid-Dok. WA2 jirrizulta li l-unika ammont li mhux dovut mill-konvenut huwa l-ammont ta' ghaxar liri u erba' centezmi (Lm10.04). Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm349.87).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm349.87), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' tlett mija u disgha u erbghin lira Maltija u sebgha u tmenin centezmu (Lm349.87).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------